MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 724/2003

**Polidano Brothers Limited**
**Vs**

**Emanuel Schembri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta April 2003, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u wiehed u disghin lira tmienja u sittin centezmu (Lm891.68) rapprezentanti prezz ta materjal provdut lill-konvenut skond kif jirrizulta minn fattura esebita markata Dok PB1.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-konsenja kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta ta t-2 ta Dicembru 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta tmien mija u wiehed u disghin lira tmienja u sittin centezmu (Lm891.68) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-1 ta Awissu 2002 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------